MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2010

Numru. 93/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Carlo Ellul**

**vs**

**Valerie Martinelli**

Il-Qorti;
Rat li l-imputata Valerie Martinelli nee' Lofaro ta' 38 sena, bint Carmel Lofaro u Carmen nee' Agius, mart Mario Martinelli, imwielda Attard fl-24 ta' Frar, 1968 u residenti f' Nru. 15 'Ramada' Triq Alessju Xuereb, San Gwann u/jew 18, Ledmar Court, Triq Andrew Cunningham, il-Qawra u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 0121968(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli:

Nhar l-24 ta' Dicembru 2006, ghall-habta tal-5:00 p.m. fid-dar taghha San Gwann, minghajr il-hsieb li toqtol jew li

tqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkagunat ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Mario Martinelli, detentur tal-karta tal-identita’ Nru. 0358763(M), u dan kif gie hekk iccertifikat minn Dr. Mark Camilleri, M.D. (Med. Reg. No. 2865). Dan bi ksur tal-Artikoli 216, tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 31 ta’ Jannar 2007 (esebit a fol. 12 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputata waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tal-15 ta’ Gunju 2007 iddikjarat li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda litigju ta’ natura matrimonjali bejn zewg konjugi li sehh fl-24 ta’ Dicembru 2006 ghall-habta tal-5.00pm fid-dar matrimonjali tal-imputata u ta’ zewgha Mario Martinelli f’San Gwann fejn il-parti civili Mario Martinelli rraporta lil Pulizija li l-imputata kienet agreditu b’lasta ta’ xkupa u kienet ikkagunatlu griehi liema griehi gew certifikati li kienu ta’ natura gravi minn Dr Mark Camilleri (certifikat relattiv inserit a fol. 13 u traskrizzjoni tax-xhieda ta’ Dr. Mark Camilleri inserita a fol. 17 sa 19 tal-process).

Mario Martinelli xehed fl-udjenza tal-15 ta’ Gunju 2007 fejn spjega li fil-gurnata in kwistjoni kien rieqed wara nofsinhar meta daqq il-mobile tal-mara u huwa rrispondih u nduna li kien qed icemplilha il-habib taghha sabiex jawguralha u meta huwa qal lil dan il-habib li huwa ma messux cempel ghaliex kien jaf li hu u martu kienu qed jipruvaw jirrikonciljaw dan il-habib qabad u qata’ izda ftit wara dahal messagg amoruz fuq il-mobile tal-imputata minghand dan il-habib u meta huwa nizel isfel sabiex

jikkonfronta lil martu dwar dan il-messagg hija qabdet u bdiet tippakkja l-hwejjeg u imbaghad nizlet fil-basement sabiex tqiegħed l-affarijiet fil-karozza. Mario Martinelli jghid li huwa beda’ jsegwiha u jiehu r-ritratti tal-oggetti li kienet qed tiehu peress li ried jaccerta ruhu li mhux qed tiehu affarijiet li jappartjenu lil komunjoni tal-akkwisti. Huwa qal ukoll li qal lil martu li ma setghatx tiehu l-vettura ghaliex anki din kienet tappartjeni lil komunjoni tal-akkwisti u qalilha wkoll li ma kienitx mara u f’dan l-istadju hija qabdet xkupa u aggreditu biha u laqtitu fuq mohhu fejn beda hiereg id-demm u huwa imbaghad cempel lil Pulizija li marru fuq il-post u sussegwentement huwa mar il-policlinic sabiex jigi kurat. Huwa qal li fl-ebda hin ma ghajjar jew hedded lil martu. Aktar tard l-istess gurnata Mario Martinelli jghid li l-imputata baghtitlu messagg permezz ta’ sms fejn infurmatu fejn kienu jinsabu ir-rigali tat-tfal u skuzat ruha ghal dak li gara.

L-imputata ghazlet li tixhed f’dawn l-proceduri (xhieda relattiva inserita a fol. 44 sa 60 tal-atti processwali) fejn din qalet li zewgha kien kontinwament jghajjat maghha, jinsulentaha u jwaqqaha ghaz-zufjett. Hija tghid li ma kinitx kuntenta minhabba l-agir aggressiv tieghu. Hija rrakkontat incident li gara madwar hames xhur qabel li sehh l-incident li jifforma l-mertu tal-kaz odjern fejn zewgha kien wadbilha zukkeriera u laqatha fi spallitha u hija esebiet kopja ta’ sentenza (a fol. 61 u 62) fejn zewgha instab hati li kkagunalha griehi ta’ natura hafifa fl-imsemmi ncident. Dwar l-incident li jifforma l-mertu tal-kawza odjerna l-imputata tghid li dakinhar hija kienet qed tilghab mat-tfal u zewgha kien qed jistrieh. Hija ssostni li huwa kien xorob flixkun shih port dakinhar u li waqt li kienet qed tilghab mat-tfal huwa nizel it-tarag u harsilha bl-ikrah u mbaghad rat li kellu l-mobile taghha f’idejh u beda jghid li kien cemplilha xi hadd u qal lit-tfal sabiex jibdew jippakjaw l-affarijiet taghha. Hija f’dak il-mument iddecidiet li ma setghatx tissaporti din is-sitwazzjoni aktar u ghalhekk bdiet tippakkja l-affarijiet taghha u meta zewgha nizel warajha fil-basement huwa beda’ jaghtiha fuq wiccha, jobzqilha u spiccaw f’kantuniera u hija sabiex tipprova tohrog qabdet xkupa u tatu daqqa biha u laqtitu f’mohhu. L-imputat isostni li hija kienet qalet lil Pulizija li zewgha

kien fis-sakra u kien qed jobzqilha u jaghtiha fuq wiccha u li hija tatu daqqa ta’ xkupa sabiex tiddefendi lilha nnifisha. In kontro-ezami hija ammettiet ukoll li fix-xhur ta’ qabel hija kienet telqet mid-dar matrimonjali diversi drabi izda kienet regghat marret lura. Hija ammettiet ukoll li kellha boyfriend u qalet li kien dan il-boyfriend li cemplilha fuq il-mobile phone u baghtilha il-messagg dakinhar tal-incident.

Ikkunsidrat:

Illi f’dan il-kaz kemm il-parti civili kif ukoll martu qed jaqblu li l-imputata tat daqqa ta’ xkupa lil parti civili u laqtitu f’mohhu u kkagunatlu griehi, huma izda mhux qed jaqblu dwar ic-cirkostanzi li waslu sabiex l-imputata ghamlet dan. Il-parti civili jsostni li l-imputata ghamlet dan minghajr ma huwa ma agrediha jew hedidha filwaqt li l-imputata ssostni li hija tat id-daqqa lil zewgha sabiex tiddefendi lilha nnifisha ghaliex zewgha poggiha f’kantuniera u beda jaghtiha fuq wiccha u jobzqilha. Il-Qorti hija ghalhekk rinfaccjata b’zewg verzjonijiet pjuttost konfliggenti tal-fatti izda jidrilha li ghandha temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-parti civili ghaliex din il-verzjoni hija korroborata mill-Pulizija li marru fuq il-post wara li rcevew rapport minghand il-parti civili. Dan jinghad ghaliex PC 1300 Julian Fenech (xhieda relattiva inserita a fol. 35 u 36 tal-process u PC1319 Matthew Xuereb (xhieda relattiva nserita a fol. 39 sa 41 u a fol. 64 sa 66 tal-process) it-tnejn ikkonfermaw li l-imputata kienet qaltilhom li kienet tat daqqa ta’ xkupa lil zewgha u qalu wkoll li hija ma kienet semmiet xejn li zewgha kien xurban jew li kien agrediha jew li kienet qed tiddefendi lilha nnifisha. Huma qalu wkoll li ma nnutawx li Mario Martinelli kellu riha ta’ xorb jew li altrimenti huwa ma kienx qed jagixxi b’mod normali. Il-Qorti jidrilha li kieku l-imputata verament kienet qed tiddefendi lilha nnifisha kif qed issostni f’dawn il-proceduri hija certament li kienet issemmi dan il-fatt a tempo vergine lil Pulizija li marru fuq il-post. Il-Qorti qeghda ghalhekk temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-kwerelant u jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-akkuza minnha migjuba fil-konfronti tal-imputata sal-grad rikjest mill-ligi. Dan jinghad ukoll ghaliex il-Prosekuzzjoni gabet il-prova tramite Dr. Mark Camilleri, li l-griehi kagunati

kienu ta' natura gravi ghaliex kienu fil-wicc. Meta xehed Dr. Mark Camilleri fl-udjenza tal-15 ta' Gunju 2007 huwa inoltre kkonferma li l-ferita fuq mohh Mario Martinelli kienet ghadha tidher u dan ghamlu wara li huwa ra lill-istess parti civili li kien prezenti fl-awla waqt li t-tabib kien qed jixhed.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali nadifa tal-imputata kif ukoll l-isfond familjari li fih sehh l-incident u jidrilha li f'dan il-kaz ikun opportun li jigi applikat l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 u dan anki sabiex is-sitwazzjoni ma tkomplix tiddeterjora, specjalment minhabba ulied il-partijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghha u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettiex reat iehor sa zmien sena (1) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------